MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Avviz Numru. 132/2010

**Vivien Buckley Palmer (ID 369581M), Maria Peterson (ID 450336M), Margaret Micallef (ID 356302L) u Margaret Higgins (ID 45218A)**

**vs**

**Happy Paws Charity Organisation and Maike Beekman**

Il-Qorti

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 22 ta April 2010 fejn talbu lill dina l-Qorti tikkundanna lill-intimati ihallsuhom danni li soffrew meta attribwew lir-rikorrenti, bhala ex-membri tal-kumitat Happy Paws Charity Organisation fatti determinanti u allegazzjonijiet flox bl-iskop li jnaqqsu r-reputazzjoni taghhom, u dana permezz ta' artikoli ppubblikati fuq il-website www.happypaws.org.mt.

Rat l-artikolu ippubblikat fis 7 ta' Gunju 2009 fuq is-sit www.happypaws.org.mt fejn intqalu s-segwenti kliem:

> *The last news is, that two of out ex-committee members changed the lease contracts for BOTH Happy Paws Charity shops into their own names and informed us that no income would be coming to the clinic anymore. This AFTER*

> *they resigned. We hold them responsible for our struggle now to keep the clinic open.*

Rat l-artikolu ippubblikat fis 17 ta’ Awissu 2009 fuq is-sit www.happypaws.org.mt fejn intqalu s-segwenti kliem:

> *But since the ex-committee members unceremoniously changed the locks, took over the leases, dumped the contents of one of our shops in fromt of the Clinic and tole us that the revenue of both shops would no longer be going to Happy Paws, we had a problem.*

Rat ir-risposta ta’ l-intimati ippresentata fit 23 ta’ Gunju 2010 fejn eccepew illi t-talbiet rikorrenti kienu infondati fil-fatt u fid-dritt.

Rat l-affidavit ta’ **Vivien Buckley Palmer** ippresentat fit 3 ta’ Marzu 2011.

Rat l-affidavit ta’ **Marion Peterson** ippresentat fit 3 ta’ Marzu 2011.

Rat l-affidavit ta’ **Margaret Micallef** ippresentat fit 3 ta’ Marzu 2011.

Rat l-affidavit ta’ **Margaret Higgins** ippresentat fit 3 ta’ Marzu 2011.

Semghet ix-xhieda ta’ **Maike Beekman** moghtija fit 23 ta’ Jannar 2012 u fis-27 ta’ Frar 2012.

Rat l-affidavit ta’ **Lino Mintoff** u **Robert Mifsud** ippresentati fis 17 ta’ Settembru 2012.

Semghet il-kontro ezami ta’ Vivien Buckley Palmer moghtija fil 15 ta’ Frar 2013 u fit 22 ta’ Marzu 2013.

Semghet il-kontro ezami ta’ Maike Beekman moghtija fi 17 ta’ Mejju 2013 u fl-14 ta’ Ottubru 2013.

Semghet il-kontro ezami ta’ Lino Mintoff u Robert Mifsud illi saret fl-14 ta’ Frar 2014.

Rat illi fl-14 ta’ Frar 2014 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x’jippresentaw.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentata fis 7 ta’ April 2014.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-intimati ippresentata fit 2 ta’ Gunju 2014.

Rat illi fit 2 ta’ Gunju 2014 il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Mill-provi prodotti jirrizulta illi l-ghaqda Happy Paws Charity Organization hija ‘non-profit making organization’ imwaqqfa minn voluntiera fis-sena 2004 sabiex tghin u tassisti gruppi u individwi li kienu qed jghinu l-annimali u bhala ghan kellha dik illi tiftah hwienet sabiex

jingabru flejjes sabiex tiffinanzja diversi progetti ghall-annimali, bhalma kienu it-tiswija ta' l-annimali.

Bhala parti mill attivita' ta' l-ghaqda, kienet fethet hanut gewwa San Gwann ftit wara li giet iffurmata u, fis-sena 2006, fethet hanut gewwa San Pawl il-Bahar bl-istess ghan, jigifieri dik illi jingabru fondi ghall-progetti relatati ma l-annimali. Fis-sena 2008, eventwalment, in fethet clinic gewwa l-Marsa, bl-isem ta' Happy Paws Charity Clinic, fejn kien isir it-tiswija ta' l-annimali u kien intiz sabiex ikun accessibbli ghall-membri ta' l-assocjazzjoni.

Jidher illi, mument minnhon, beda jinqala disgwid bejn ir-rikorenti, lkoll membri tal-kumitat ta' l-ghaqda u l-intimata Maike Beekman flimkien ma' zewgt membri ohra, Lino Mintoff u Robert Mifsud.

Is-sitwazzjoni eskalat ruhha meta fit 3 ta' April 2009 (fol 33), waqt laqa mizmuma mill-erba rikorrent flimkien ma' certa Tom Broome, illi kien beda l-ghaqda izda ma kienx aktar involut fiha, gie deciz illi ma jkomplux jahdmu ma' l-intimata u Lino Mintoff u Robert Mifsud u gie deciz ukoll illi jitilqu l-hanut ta' San Gwann kif ukoll idawwru l-kirja tal-hanut ta' San Pawl il-Bahar f'isem Vivia Buckley Palmier.

Jirrizulta illi bhala rizultat ta' tali decizjoni, il-kirja tal-hanut ta' San Pawl il-Bahar gie terminat fl- 14 ta' April 2009 (fol 35) minn Vivian Camilleri Palmer, ( li presumibbilment hija Vivian Buckley Palmer) u fis 27 ta' April 2009 l-istess Vivian Camilleri Palmer, f'isimha personali, kriet l-istess hanut (fol 36).

Jirrizulta ukoll illi fis 6 ta' April 2009 (fol 106), Tommy Broome u Marion Peterson kitbu lill-ghaqda Happy Paws Charity Organization fejn gharrfuhom illi kienu ser jitterminaw il-kirja ta' San Gwann fi zmien gimgha. L-intimata Beekman kienet gharrfithom fl-10 ta' April 2009 illi kienet ser ddawwar il-kuntratt ta' kiri fuqha u talbithom ghad-dettalji tas-sid. Tali dettalji ma inghaddiex u fis-27 ta' April 2009, wara illi voluntiera ta; l-ghaqda ma setghux jidhlu fil-hanut ta' San Gwann ghax il-locks kienu inbidlu, Margaret Micallef gharrfet lill-intimata permezz ta' email (fol 120) illi kienu hargu l-affarjiet kollha mill-hanut ta' San Gwann u tefghuhom kollha barra il-klinika tal-Marsa u setghu imorru jigbruhom minn hemm.

Fl-20 ta' April 2009, Vivian Camilleri Palmer u Marion Peterson gharrfu lill-ghaqda ili b'effett mis-6 ta' April 2009, il-hanut ta' San Pawl ma kienx ser jghaddi aktar flus lill-ghaqda peress illi kien f'isem Vivan Camilleri-Palmer personalment (fol 99).

Eventwalment, fis 7 ta' Gunju 2009, l-intimata ippubblikat l-artikolu fuq is-sit ta' l-organizazzjoni minghajr ma indikat ismijiet izda gharrfet li l-hwienet ma kienux aktar operati mill-organizazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tghidx, mal-ewwel, illi l-kawza odjerna hija biss tentattiv da parte tar-rikorrenti sabiex jabbuzaw mis-sistema gudizzjarja Maltija biex iressqu ilment li ma huwa xejn aktar minn attentat biex ihamgu lill-intimata fi glieda ta' personalitajiet illi jidher li gara bejn ir-rikorrenti kollha u l-intimata, liema glieda hija biss ta' hsara ghall ghaqdiet ohra ta' volontarjat illi jaghmlu gid lill kullhadd, inkluz annimali, u li ma jiggieldux il-battalji taghhom fil-pubbliku izda jsolvuhom bil-kwiet madwar mejda.

Jidher car mill-provi kollha prodotti illi Vivian Buckley Palmer, illi hija indikata ukoll bhala Vivan Camilleri Palmer, kienet President ta’ l-ghaqda Happy Paws Charity Organization mis-sena 2006 filwaqt illi Maike Beekman kienet Vici President taghha.

Jidher car mill-provi prodotti illi, waqt illi hija kienet ghadha fil-kapacita taghha ta’ President, izda wara illi kienet iddikajrat li ma riedetx tahdem aktar fi hdan l-ghaqda flimkien ma’ l-intimata Maike Beekman, kienet marret ghand sid il-hanut ta’ San Pawl il-Bahar u, filwaqt illi tterminat il-kirja minghajr ma infurmat lill-Vici President ta’ l-ghaqda, ossija Maike Beekman, dawwret il-kirja ta’ l-istess hanut fuq isimha.

Jidher car mill-provi ukoll illi, persuna ohra illi ma jinkwadrax fil kawza odjerna, izda li kien ffurma l-ghaqda originalment, Tom Broome, kien termina il-kirja ta’ San Gwann ftit wara illi kien gie deciz illi hu, flimkien ma’ l-erbgha rikorrenti, ma jibqghux jahdmu ma’ l-intimata.

Jidher car, finalment, illi fis-27 ta’ April 2009, kif stqarret Margaret Micallef f’email taghha stess, huma kien hargu l-affarjiet kollha ta’ l-organizazzjoni mill-hanut ta’ San Gwann u tefghuhom barra il-bieb tal-klinika illi kellha l-ghaqda gewwa l-Marsa.

**Ikkunsidrat**

Ezaminat il-kontenut taz-zewgt artikoli li qed jilmentaw dwarhom ir-rikorrenti, il-Qorti ma tistax ma tasalx ghal konkluzjoni illi kull ma kien inkiteb f’dawk iz-zewgt artikolu kien kollu veru u ghalhekk certament ma hemm xejn malafamanti fil-konfront tar-rikorrenti.

Hija certament tal misthija ghar-rikorrenti illi ippruvaw juzaw il-Qrati ta’ Malta sabiex jheddu u jissanaw il-hazin illi huma kienu ghamlu meta unilateralment u minghajr ebda dritt hadu l-pussesss taz-zewgt hwienet illi kienu mikrija f’isem l-ghaqda u dawwruhom f’isimhom imbghad, sussegwentement, gharrfu lill kullhadd, perezz ta’ riklami fil-gazzetti (fol 108 sa 110) illi huma ma ghandhom x’jaqsmu xejn ma’ l-ghaqda u jiddissasocjaw ruhhom totalment minnha.

Il-Qorti ma tistax ma tistaqsix x’kien il hsieb originali wara l-involviment tar-rikorrenti fl-ghaqda, peress illi jidher li tali involviment kienet iktar intiza ghall-beneficcju personali tar-rikorrenti u certament mhux ta’ l-ghaqda, u dana qieghed jinghad peress illi, fil mument illi kien hemm diffikultajiet, minflok ma’ solvuhom flimkien , qabdu u abbandunaw l-ghaqda u, apparti minn hekk, hadu z-zewgt hwienet illi fuqhom kienet tiddependi l-ghaqda u li kienu mikrija ghall-beneficcju ta’ l-ghaqda.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti

Wara illi hadet konjizzjoni tal-provi kollha prodotti, semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha prodotti mill-partijiet

Tghaddi biex tilqa l-eccezzjonijiet intimati u tichad it-talbiet kollha attrici.

Spejjez kollha tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu a kariku tar-rikorrenti in solidum bejniethom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------